VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,257, 27 ta' Mejju, 2014
Taqsima B

A.L. 180 tal-2014

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

Regoli tal-2014 dwar Tnaqqis għal Ħaddiema Maturi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 14(2) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru għall-Finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2014 dwar Tnaqqis għal Ħaddiema Maturi.

(2) Dawn ir-regoli għandhom jidħlu fis-seħħ mis-sena ta' stima 2015, fir-rigward ta' persuni impjegati nhar jew wara l-1 ta' Jannar 2014.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regoli, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"impjegat kwalifikanti" tfisser persuna li l-età tagħha hija bejn 45 u 65 sena u li isimha jidher fuq ir-reġistru ta' nies qiegħda (Taqsimiet 1 u 2) u li ilha fuq tali reġistru għal mill-inqas is-6 xhur preċedenti, kif stabbilit mill-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ;

"persuna kwalifikanti" tfisser persuna li timpjega "impjegat kwalifikanti", kif approvat mill-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ;

"taħriġ" tfisser programm ta' taħriġ li jsir barra mil-lant tax-xogħol, jew li jsir fuq il-lant tax-xogħol iżda esternalizzat lil terzi persuni, wara monitoraġġ u approvazzjoni mill-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ.

Tnaqqis permess.

3. (1) Meta persuna kwalifikanti tipprovdi impjieg lil impjegat kwalifikanti fis-sena ta' qabel is-sena ta' stima, tnaqqis ekwivalenti għal €5,800 fis-sena huwa permess kontra d-dħul taxxabbli tal-imsemmija persuna kwalifikanti matul l-ewwel sentejn li jkun qed jipprovdi impjieg lil impjegat kwalifikanti:

Iżda, meta l-impjegat ma jkunx impjegat għal sena sħiħa matul is-sena ta' stima, it-tnaqqis ikun permess *pro rata*. Is-sentejn tnaqqis jibdew mill-ewwel ġurnata tal-impjieg, u, sakemm l-impjegat jibqa' f'tali impjieg, persuna kwalifikanti tibbenefika minn tnaqqis ekwivalenti għal €11,600 meta jgħaddu l-imsemmija sentejn:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda wkoll, sa fejn dan it-tnaqqis ma jkunx kollu paċut mad-dħul tal-persuna kwalifikanti għas-sena li matulha l-persuna tkun intitolata għal tnaqqis, dak it-tnaqqis għandu jingħieb ’il quddiem u ssir it-tpaċija tiegħu kontra dħul tas-snin sussegwenti suċċessivament:

Iżda wkoll, meta l-persuna kwalifikanti hija individwu, sakemm dan it-tnaqqis ma jkunx kollu paċut kontra d-dħul ta’ tali individwu jew il-konjuġi tiegħu, fejn applikabbli, għas-sena imsemmija, dak it-tnaqqis għandu jingħieb ’il quddiem u paċut kontra d-dħul tas-snin sussegwenti suċċessivament.

(2) It-tnaqqis huwa permess biss meta l-persuna kwalifikanti ma tibbenefikax minn tnaqqis, kreditu ta’ taxxa, jew kull forma oħra ta’ assistenza fir-rigward tal-imsemmi impjieg mingħand il-Gvern jew entità oħra tal-Gvern.

Tnaqqis għat-taħriġ.

4. Meta persuna kwalifikanti tipprovdi impjieg lil impjegat kwalifikanti fis-sena ta’ qabel is-sena ta’ stima, tnaqqis ekwivalenti għal 50% tal-ispejjes magħmula fit-taħriġ tal-impjegat kwalifikanti (sa massimu ta’ €400) għandu jkun permess kontra d-dħul taxxabbli tal-persuna kwalifikanti.